MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 80/2011/1

**John Mary Grima, Joseph Grima, u Maria mart Angelo Debrincat, aħwa Grima**

**vs**

**Francis Cutajar**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Francis Cutajar mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-17 ta' Jannar 2012 fejn l-istess Qorti ċaħdet l-ewwel

eċċezzjoni tal-konvenut (dwar il-*privilegium fori*) u konsegwentement iddikjarat ruħha kompetenti sabiex tisma' l-każ u ordnat il-prosegwiment tal-kawża. Il-konvenut permezz ta' dan l-appell qed jitlob lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni preliminari tal-ewwel istanza, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu u tiddikjara li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, mhux kompetenti sabiex tisma' l-kawża fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-atturi appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti,

"Rat illi r-rikorrenti fir-rikors guramentat ippremettew :

"Illi r-rikorrenti ahwa Grima huma fil-pussess ta' porzjon art tal-kejl ta' cirka elf mija u wiehed u hamsin metri kwadri (1151m.k.) maghrufa bhala 'Ta' Xafrin' fil-kuntrada maghrufa bhala 'tal-Ghalaq' fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex, konfinanti mill-Grigal ma' Triq Il-Kalkara tal-gir, ilbic in parti ma' beni tal-konvenut u in parti ma' beni ohra ta' terzi, majjistral ma' passagg kampestri, u mix-xlokk ma' beni tal-familja Caruana;

"Illi fil-5 ta' Settembru 2011, jew fil-granet ta' wara l-intimat bi vjolenza u kontra r-rieda tar-rikorrenti huwa dahal f'parti mill-art fil-pussess taghhom li fiha kejl ta' cirka tliet mija u hamsin metri kwadri (350m.k.), u cioe' f'dik il-parti li tikkonfina ma' l-art tieghu billi qala' l-qsami li kien hemm bejn l-art tieghu u tar-rikorrenti, ha l-pussess taghha u gieghel lil min jahratha. Dan rega' ghamlu l-Hadd, 25 ta' Settembru 2011, u din id-darba l-konvenut rega' tajjar il-qsami u gieghel lil min jahrat din l-art li kienet mizrugha mir-rikorrenti, u waqt li kien qed isir dan ix-xoghol tal-hart, il-konvenut kien prezenti jaghti l-istruzzjonijiet;

"Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-qorti:

"(1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut bl-agir tieghu hawn fuq deskritt kkommetta spoll vjolenti u klandestin a dannu tar-rikorrenti;

"(2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss jirreintegra l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess billi jregga' kollox ghall-istat li fih kienet l-art qabel ma dahal fiha, ipoggi l-qsami li nehha fejn kienu, u dan jekk hemm bzonn isir taht id-direzzjoni ta' perit nominand, u tordnalu jiddesisti milli jibqa'jidhol u jahdem fl-art tar-rikorrenti;

"(3) F'kaz li jghaddi inutilment it-terminu li jigi lilu prefiss, tawtorizza lir-rikorrenti jesegwixxu x-xogholijiet huma u dan a spejjez tal-istess intimat.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

"Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni, li ghaliha minn issa huwa mharrek.'

"Rat li l-intimat fir-risposta guramentata eccepixxa illi:

"Dwar il-fatti:

"1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati peress illi l-atturi ma kellhomx il-pussess tal-art in kwistjoni, anzi l-pussess kif ukoll il-proprjeta' tal-art in kwistjoni kienu u jinsabu f'idejn l-esponent u terzi koproprjetarji;

"2. Illi l-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati fost l-ohrajn billi l-esponent ma ghamel xejn bi vjolenza u ma invada ebda art li kienet fil-pussess tal-atturi;

"3. Illi l-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati peress illi l-esponent ma kkommetta ebda spoll vjolenti u klandestin a dannu tal-atturi;

“4. Illi l-esponenti ma jirrisjedix Ghawdex u ma ghandux karta tal-identita’ bin-numru 13545(G) li tikkorrispondi ghall-persuna citata bhala konvenut. Difatti l-karta tal-identita’ tieghu ghandha n-numru 316366(M) [ara Dokument ‘A’ hawn anness] u mhux 13545(G), pero’ l-esponent qieghed jintavola din ir-risposta guramentata ghal kwalsijasi interess li talvolta jista’ jigi dikjarat li ghandu f’dawn il-proceduri;

“Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent ghandu s-segwenti eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attrici:

“1. Illi fl-ewwel lok hemm il-karenza tal-gurisdizzjoni jew kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti stante li l-esponent ghandu l-*privilegium fori* a tenur ta’ l-artikoli 50, 741(c), 767 u 768 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk jekk l-atturi riedu jiccitaw lill-esponent dan messhom ghamluh b’azzjoni quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili f’Malta;

“2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni odjerna hija monka peress li l-esponent m’huwiex il-persuna citata fir-rikors guramentat stante illi huwa ma ghandux karta tal-identita’ bin-numru 13545G u ghalhekk hemm il-karenza tal-interess guridiku tal-atturi versu l-persuna citata fir-rikors guramentat;

“3. Illi kompletament minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi ma kellhomx u ma ghandhomx il-pussess tal-proprjeta’ in kwistjoni u ghalhekk ma setghux imexxu b’din il-kawza;

“4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari aktar ‘il fuq sollevati, l-esponent ma kkommetta ebda spoll fil-konfront tal-atturi;

“5. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari kienu l-atturi li kkommettew spoll fil-konfront tal-esponent u l-esponent kellu dritt jagixxi b’reazzjoni ghal tali eghmil spoljattiv u dan in linea mal-massima *vim vi ripellere licet;*

“6. Illi inoltre’ u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;

“7. Illi kull wahda mill-eccezzjonijiet appena sollevati hija separata, indipendenti u qieghda tinghata espressament minghajr pregudizzju ghall-ohrajn;

“8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.’

“Rat li fis-seduta tat-23 ta’ Novembru 2011 Dr Mario Scerri b’referenza ghat-tieni eccezzjoni qieghed jitlob korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni biex in-numru tal-karta ta’ l-identita’ ta’ Francis Cutajar jigi korregut ghal 316366(M). Dr Sarah Grima rrimettiet ruhha. Il-Qorti laqghet it-talba ai termini ta’ l-artikolu 175 tal-Kap 12 u ordnat il-korrezzjoni rikjesta. Il-kawza giet differita ghas-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2011 ghat-trattazzjoni fuq l-eccezzjoni tal-privilegium fori.

“Rat li fis-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2011 id-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom fuq l-eccezzjoni tal-privilegium fori. Il-kawza giet differita ghas-sentenza preliminari ghas-seduta tallum.

“Rat l-atti kollha tal-kawza.

“Ikkunsidrat:

“Illi l-konvenut qieghed jinvoka l-*privilegium fori* u dan peress li skont huwa din il-kawza messha giet intavolata fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili a tenur ta’ l-artikolu 50, 741(c), 767 u 768 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“In sostenn ta’ din l-eccezzjoni l-kovenutipprezenta kopja tal-karta’ ta’ l-identita’ tieghu li turi li huwa residenti fil-Gzira ta’ Malta.

“Illi l-artikolu 50 tal-Kap 12 jipprovdi :

*““Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), b’eskluzjoni tal-qrati ta’ Malta, hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta’ kull*

*pretensjoni kontra persuni li joqoghdu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-qorti."*

"Illi l-artikolu 741(c) tal-Kap 12 jistipula li:

*"L-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tinghata-*
*"(c) meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari."*

"Illi l-artikolu 767 jipprovdi:

*"Il-beneficcju imsemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill-persuni li joqoghdu fil-Gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqoghdu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gzejjer."*

"Illi l-artikolu 768 jaqra :

*""1. Meta l-ghadd tal-konvenuti li joqoghdu f'Malta huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqoghdu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna, kull wiehed mill-konvenuti li joqghod Malta jista' jichad il-kompetenza tal-qorti ta' Ghawdex; u meta l-ghadd tal-konvenuti li joqoghdu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqoghdu f'Malta, kull wiehed mill-konvenuti li joqghod fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna jista' jichad il-kompetenza tal-qorti ta' Malta.*

*"2. Meta wahda mill-partijiet tichad b'eccezzjoni l-kompetenza tal-qorti, dik il-qorti issir inkompetenti ghall-partijiet kollha."*

"Illi imbaghad l-artikolu 770 tal-Kap 12 jiddisponi :

*""Il-privilegium fori jispicca wkoll fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari."*

"L-artikolu 771 tal-Kap 12 jistipula:

*““Il-privilegium fori ma jistax jintalab mill-werriet, meta ghar-raguni msemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan,ma setghax ikun mitlub mill-awtur tieghu.”*

“Illi oltre’ dan l-artikolu 772 tal-Kap 12 jipprovdi li *‘dan il-privilegg jista’ jigi rrinunzjat u meta ma jigix mitlub jitqies li gie rinunzjat. Il-kontumacja tal-parti titqies bhala talba ghal dak il-privilegg’.*

“Illi fil-fatt fil-kaz odjern jirrizulta anki mill-korp tar-rikors guramentat li Francis Cutajar huwa fil-fatt residenti f’Malta. Jirrizulta wkoll li l-istess intimat gie notifikat fl-indirizz tieghu f’Malta. Ir-rikorrenti fl-ebda moment ma kkontestaw dan il-fatt. Ghalhekk ladarba il-***privilegium fori*** tqajjem mill-istess konvenut, id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 741 (c) u 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghandhom normalment japplikaw[1]. Fil-fatt hija l-kwistjoni ta’ residenza li fuqu huwa stabbilit l-artikolu 741 (c) tal-Kap 12[2].

“Illi pero’ hemm eccezzjoni ghal din ir-regola skont l-**artikolu 770 tal-Kap 12** fejn jinghad li l-*privilegium fori* jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fil-gzira partikolari. L-abbli difensur ta’ l-intimat waqt it-trattazzjoni orali ta’ din l-eccezzjoni ssottomettiet li dan l-artikolu mhux applikabbli ghall-kaz odjern u dan peress li hawn non si tratta ta’ xi obbligazzjoni izda kawza ta’ spoll. Il-fatt li l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija dwar allegat spoll li sar f’raba’ sitwat fil-Gzira ta’ Ghawdex mhux bizzejjed biex jigi meghlub l-beneficcju invokat. In sostenn ta’ tali argumentazzjoni saret referenza ghall-artikolu 773 tal-Kap 12.

“Illi l-artikolu 773 jipprovdi s-segwenti:

---

[1] Ara kawża fl-ismijiet **Joseph Pace v. Dun Anton Sultana** P.A. RCP deċiża fit-23 ta’ Frar 1999

[2] Ara kawża fl-ismijiet **Joseph Aquilina nomine v. Richard dei Conti Stagno Navarro,** Appell Ċivili deċiża fit-22 ta’ Novembru 2005

*““Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 745(b) u (h), jekk qorti partikolari f’Malta hija kompetenti, ma ssirx inkompetenti minhabba l-lok fejn tkun qieghda l-haga f’Malta:*

*“Izda f’kawza dwar zbank ta’ depoziti, hija kompetenti biss il-qorti li taht l-awtorita’ taghha jkunu gew iddepozitati l-flus jew hwejjeg ohra.”*

“Illi l-abbli difensur tar-rikorrenti sssottometta li l-azzjoni odjerna hija azzjoni reali immobiljari u li ghalhekk hija marbuta intrinsikament mal-proprjeta’ u dan partikolarment jekk il-qorti tordna li jkun hemm ir-reintegrazzjoni.

“Illi l-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **John Borg vs Salvatore Bonnici**[3] fejn il-mertu ta’ dik il-vertenza kienet talba ghal xoljiment ta’ lokazzjoni rigwardanti fond f’Ghawdex. Il-Qorti ta’ l-Appell sostniet li kien car li n-negozju guridiku fil-parti preponderanti tieghu, jekk mhux kollu, kellu jigi ezegwit f’Ghawdex. Illi indipendentement minn jekk il-kera kellhiex tithallas Malta jew Ghawdex, dik l-Onorabbli Qorti rriteniet li huwa cert li d-dgawdija tal-fond, l-obbligazzjonijiet bazilari tas-sid u xi obbligazzjoni tal-kerrej skond il-ligi kellhom ezekuzzjoni f’Ghawdex, kif ukoll huwa cert li l-konsenja tal-fond bhala konsegwenza tar-ripreza tieghu mis-sid kellha ssir f’Ghawdex.

“Illi din il-qorti hija tal-fehma li l-ligi kienet specifika meta semmiet biss tlett ragunijiet meta l-privilegium fori jitqies li jispicca u ghalhekk ma jistax jigi invokat jekk ma tirrizultax wahda minn dawn ir-ragunijiet li huma l-artikoli diga’ fuq citati ossija l-artikolu 769, l-artikolu 770 u l-artikolu 771 tal-Kap 12. L-artikolu 773 mhux applikabbli ghall-kaz odjern. Dan l-artikolu jibda billi jistipula “jekk qorti partikolari f’Malta hija kompetenti..” u allura dan ifisser li jekk din il-qorti hija kompetenti dan l-artikolu lanqas ma jista’ jigi invokat. Il-qorti trid titlaq minn dan il-presuppost.

---

[3] Appell Ċivili deċiża fid-19 ta’ Novembru 1954

"Illi l-qorti tirreferi ghas-sentenza fuq citata **John Borg vs Salvatore Bonnici** fejn l-ewwel qorti kienet tenniet hekk:

*""Illi, kif ighid il-Borsari, 'la divisione del territorio giudiziario ha per punto di partenza l-interesse delle parti giudicabili, che con altre parole si traduce nella piu' facile, piu' completa e meno dispendiosa amministrazione della giustizia. Questo e' lo scopo generale della competenza per territorio; ma egli e' un concetto complesso, che ha i suoi fondamenti nell'analisi del soggetto e dell'oggetto della lite. Da cio' la direzione della lite 'actor sequitur forum rei', semplice e profondo criterio, dogma assoluto nell'azione personale.... . .......Il principio del 'forum rei', che domina l-azione personale, non avendo piu' la sua applicazione precisa, potrebbe in questo caso modificarsi in servizio della migliore amministrazione della giustizia, e cosi' avviene nell'azione reale immobiliare; il giudice, che si siede piu' presso, e' in grado di decidere meglio la questione, e le parti stesse sono meglio o ispirate o informate in questa disputazione sul luogo in cui giace l'oggetto della lite' (Codice Italiano di Procedura Civili, Vol I, pag 140-141). U ta' l-istess opinjoni huwa Salvatore Sotto, li fl-opra tieghu 'Diritto Processuale Civile', pag 17, jikteb:- "Foro per le cause relative a diritti di obbligazione: e' quello del luogo in cui e' sorta o deve eseguirsi l'obbligazione dedotta in giudizio". Anki d-Digesto Italiano (voce Competenza Civile, pag. 367, para 148) jaghti l-istess taghlim:- "Finche' l'immobile pel quale l'azione viene intentata e' posto nel territorio di una giurisdizione, il principio che la competenza si determina in base del luogo nel quale e' sito l'immobile non offre difficolta' di applicazione; la competenza havvi nel giudice del luogo nel quale l'immobile e' sito'."*

"Illi imbaghad l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irriteniet li indipendentement minn fejn kienet tithallas il-kera, *'u ankorke' kien isir il-hlas tal-kera f'Malta in forza tad-disposizzjoni fuq citata, hu cert li d-dgawdija tal-fond, l-obbligazzjonijiet bazilari kollha tas-sid taht l-art 1628 Kap 23, u almenu l-ewwel wahda miz-zewg obligazzjonijiet tal-kerrej taht l-art 1643 ibidem, kellhom ezekuzzjoni f'Ghawdex, kif hu wkoll cert li l-konsenja tal-fond, bhala*

*konsegwenza tar-ripreza tieghu mis-sid (meritu ta' din il-kawza) ghandha ssir ukoll f'Ghawdex. Dan ifisser li l-parti preponderenti tan-negozju kellha, u ghandha jkollha, ezekuzzjoni f'Ghawdex. Ghal ta' xejn jinghad li l-Qorti ma tistax tqies anki r-rikonsenja tal-fond mitluba f'din il-kawza, imma ghandha biss thares lejn l-obbligazzjoni originali tal-lokazzjoni; ghax fi kwistjonijiet ta' kompetenza minhabba territorju, l-azzjoni accessorja hija rigwardata fuq l-istess bazi tal-principali (App 'Zammit vs Debono', 28 ta' Mejju 1917, Vol XXIII-I-911);*

*"L-appellant issottometta l-argument li fl-art 771 fuq citat hemm il-kliem 'skond il-ftehim', u li ghalhekk jehtieg li jkun hemm ftehim 'espress' li l-obbligazzjoni ghandha tigi ezegwita fi Gzira partikolari. Izda l-ftehim jista' jkun 'tacitu', u hu ftehim tacitu anki meta l-partijiet jirrimettu ruhhom ghal-ligi. F'dan il-kaz, salv ghall-post tal-hlas tal-kera, li dwaru ma ntqal xejn fil-provi,il-partijiet lanqas biss setghu jiftehmu li l-ezekuzzjoni tal-lokazzjoni kellha ssir fi Gzira diversa; ghax tabilfors it-tgawdija, il-manutenzjoni u l-konsenja ta' fond li qieghed f'Ghawdex ghandha ssir f'Ghawdex (ara, ghal dak li ntqal dwar ftehim tacitu, sentenza ta' din il-Qorti 'Pisani vs Mizzi', 7 ta' Dicembru, 1928, Vol XXV-1-1031-1084; u ara, ghall-istess principju, u anki ghall-konsiderazzjoni tal-parti importanti tal-kuntratt, decizjoni Prim'Awla 'Marchese Desain vs Rapa', 19 ta' Frar, 1862, Vol II, p.102)'.*

"Illi l-kawza odjerna mhiex talba ghal xoljiment ta' lokazzjoni bhal ma kienet dik appena citata. Il-kawza odjerna hija kawza ta' spoll li permezz taghha r-rikorrenti qeghdin jallegaw li huma kienu fil-pussess ta' bicca raba' sitwata fil-Gzira ta' Ghawdex izda ghar-ragunijiet indikati minnhom l-intimat allegatament qala' l-qsami tar-raba' fil-pussess taghhom u haratha. Din l-azzjoni kif inhi maghrufa hija azzjoni possessorja. Wiehed mill-elementi sabiex tirnexxi huwa l-element tal-pussess u ghalhekk bla ebda dubju hija azzjoni li intrinsikament hija marbuta mal-proprjeta' innifisha.
"Illi l-intimat innifsu fir-risposta guramentata qieghed jeccepixxi li l-pussess tar-raba' dejjem kien f'idejh u sahansitra qieghed jeccepixxi l-*vim vi ripellere licet* –

ossija li kienu r-rikorrenti li fil-fatt ikkomettew spoll u huwa agixxa ghal tali eghmil spoljattiv.

"Illi l-iskop ewlieni ta' azzjoni ta' din ix-xorta huwa radikat fuq esigenzi ta' utilita' socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, sabiex ikun imhares tal-ordni pubbliku, sabiex jigi skansat id-dizordni civili, u sabiex jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-gustizzja b'idejh. Il-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.

"Illi ghalhekk fil-kaz in dizamina jrid jigi bilfors ezaminat min mill-partijiet fil-fatt kellu pussess tar-raba' in kwistjoni u dan peress li l-istess intimat qieghed jinvoka li huwa flimkien ma' terzi kellu pussess tar-raba'. Konsegwentement il-kontendenti kollha kemm huma qeghdin isostnu li huma kienu jgawdu r-raba' de quo bil-konsegwenzi kollha ossija li wiehed jahrat ir-raba', li jizra' l-istess raba'.

"Fl-eventwalita' li jirrizulta li l-pussess kien f'idejn ir-rikorrenti dan logikament ifisser li l-intimat kien obbligat li jekk huwa ghandu xi pretensjoni kontra r-rikorrenti ma setax jiehu l-ligi b'idejh izda kellu jirrikorri ghal proceduri gudizzjarji. L-istess jinghad f'kaz li l-eccezzjoni ta' l-intimat ta' *vim vi ripellere licet* kellha tirnexxi.

"Illi inoltre' kif diga' gie ritenut '*ghal ta' xejn jinghad li l-Qorti ma tistax tqies anki r-rikonsenja tal-fond mitluba f'din il-kawza, imma ghandha biss thares lejn l-obbligazzjoni originali tal-lokazzjoni; ghax fi kwistjonijiet ta' kompetenza minhabba territorju, l-azzjoni accessorja hija rigwardata fuq l-istess bazi tal-principali'.* Fil-kaz odjern l-iskop ewlieni ta' kawza ta' spoll hija r-reintegrazzjoni u tali reintegrazzjoni, jekk tigi ordnata, bilfors trid issehh fil-Gzira ta' Ghawdex fejn ir-raba' tinsab.

"Konsegwentement l-eccezzjoni ta' inkompetenza li permezz taghha l-intimat invoka l-privilegium fori ghandha tigi michuda.

"Ghaldaqstant din il-qorti ghar-ragunijiet premessi taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat u tiddikjara ruhha li hija kompetenti sabiex tisma' l-kaz inkwistjoni u ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawza

"Spejjez ta' din l-istanza a karigu ta' l-intimat."

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenut Francis Cutajar:</u>**

**3.** Francis Cutajar ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.
**4.** L-aggravji tiegħu huma dawn:

1) <u>L-eċċezzjoni għall-*privilegium fori* li toħroġ mill-Art. 770 ma tapplikax għall-każ odjern</u>

Il-konvenut isostni li f'dan il-każ inkwistjoni kellu japplika l-prinċipju naxxenti mill-Artikoli 741(c) u 767 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u cioe` li min joqgħod Għawdex jista' jqajjem l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti meta l-kawża tkun saret quddiem qorti Malta u *vice versa* min joqgħod Malta jista' jqajjem l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti meta l-kawża tkun saret quddiem qorti Għawdex. Jargumenta li l-liġi tikkontempla li biex il-*privilegium fori* ma japplikax għall-finijiet tal-Artikolu 770 irid ikun hemm obbligazzjoni naxxenti minn ftehim ta' natura kontrattwali, li mhux il-każ fiċ-ċirkostanzi odjerni.

2) <u>Il-Qorti kienet żbaljata meta rriteniet li l-Artikolu 773 ma japplikax</u>

L-ewwel Qorti rriteniet li l-Artikolu 773 mhux applikabbli għall-każ odjern. Hija rraġunat li ladarba dan l-artikolu jibda *"…jekk qorti partikolari f'Malta hija kompetenti…"* ifisser allura li jekk din il-Qorti (tal-Maġistrati, Għawdex, Ġuriżdizzjoni Superjuri) hija kompetenti dan l-artikolu lanqas ma jista' jiġi invokat. Il-konvenut appellant isostni li f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha ma kinitx kompetenti u għall-kuntrarju kienet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li kienet dik il-qorti kompetenti biex tisma' l-każ għaliex huwa kellu dritt li jiġi ċċitat quddiem qorti tal-gżira fejn huwa residenti.

Jgħid li ma hemm l-ebda bażi għall-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u jirreferi għall-Artikolu 50 tal-Kap. 12. Jargumenta li ladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri) qatt ma kienet kompetenti biex tisma' l-każ odjern, ebda kunsiderazzjoni ma setgħet tingħata lill-post fejn hija sitwata l-ħaġa u dan a tenur tal-Artikolu 773. Ikompli jgħid li l-uniku eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 773 huma dawk imsemmija fl-Artikolu 745(b) u (h) u ebda waħda minn dawn ma tapplika fiċ-ċirkostanzi odjerni peress li s-subartikolu (b) jitkellem fuq persuni mhux domiċiljati fil-gżejjer Maltin filwaqt li s-subartikolu (h) jitkellem fuq wirt battal. Jikkonkludi illi kollox jindika allura li r-regola fl-Artikolu 773 hija applikabbli għall-każ odjern u għalhekk ladarba l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili hija kompetenti, din ma ssirx inkompetenti minħabba l-post fejn tinsab l-art inkwistjoni.

3) <u>Is-sentenza hija kontradittorja</u>

Il-konvenut jilmenta wkoll illi minkejja li l-ewwel Qorti kienet ċara li wieħed irid joqgħod mal-parametri tal-eċċezzjonijiet mogħtija mil-liġi għal dak li jirrigwarda l-benefiċċju tal-*privilegium fori*, imbagħad stranament inklinat lejn fehmiet li ma humhiex riflessi fil-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili nostran. Isostni li mir-regoli fl-imsemmi Kodiċi ma hemm l-ebda waħda li tindika li f'każ bħal dan il-kompetenza għandha tmur favor il-Qorti tal-gżira li fiha tkun sitwata l-proprjeta` minflok il-qorti tal-gżira fejn jirrisjedi l-konvenut.

4) <u>L-ewwel Qorti għamlet kunsiderazzjonijet irrilevanti</u>

Jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti għamlet kunsiderazzjonijiet irrilevanti biex waslet għad-decide dwar il-kompetenza. Huwa jissottometti li kunsiderazzjonijiet dwar l-eżitu li jista' jkun hemm fil-mertu ma kinux rilevanti għall-kwistjoni tal-kompetenza u dan peress li din il-kwistjoni trid tiġi deċiża qabel kull ħaġ'oħra.

5) <u>Il-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti dwar il-lok fejn hija l-proprjeta` mhumiex pertinenti għal ġudizzju dwar il-kompetenza bejn il-qrati f'dawn il-gżejjer</u>

Il-konvenut appellant jargumenta li l-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti dwar il-lok fejn tinsab il-proprjeta` huma pertinenti għal ġudizzju dwar il-<u>ġurisdizzjoni</u> bejn qrati Maltin jew qrati barranin u mhux għal ġudizzju dwar il-<u>kompetenza</u> bejn il-qrati f'dawn il-gżejjer. Jargumenta li ma hemm xejn li jimpedixxi lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li jkollha ġurisdizzjoni f'kawża kontra konvenut li jirrisjedi Malta anke jekk dik il-kawża hija waħda ta' spoll li tikkonċerna proprjeta` Għawdex. Huwa jiddistingwi bejn ġurisdizzjoni u kompetenza u jispjega li l-ġurisdizzjoni tal-qrati nostrana fuq proprjeta` fil-gżejjer Maltin hija waħda, u ma hemm xejn stramb jew impossibbli li r-reintegrazzjoni ta' proprjeta` f'Għawdex tiġi ordnata mill-qrati f'Malta għaliex il-ġurisdizzjoni hija waħda mentri l-kompetenza hija diviża u marbuta mal-persuna tal-konvenut a benefiċċju tiegħu.

6) <u>Spejjeż</u>

Finalment il-konvenut jinsisti li anke kieku l-ewwel Qorti kellha raġun dwar il-kompetenza *o meno* tagħha, minħabba n-natura tal-punt eżaminat mill-Qorti huwa m'għandux ibati l-ispejjeż tal-kontroparti għal dak li jirrigwarda l-ġudizzju tal-kompetenza.

**<u>Risposta tal-appell tal-atturi aħwa Grima:</u>**

**5.** L-atturi appellati wieġbu biex jgħidu li l-appell huwa irritu u null u fi kwalunkwe każ isostnu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma. Iżidu jgħidu li bil-kemm dan l-appell ma jirrażentax ruħu għall-fieragħ bil-komminazzjonijiet kollha kontemplati taħt l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 fir-rigward tal-aggravju tiegħu dwar l-ispejjeż.

**6.** Huma preliminarjament iqajmu l-<u>irritwalita` u n-nullita</u>` ta' dan l-appell peress li sar mingħajr ma ntalab u ġie ottenut il-permess tal-ewwel Qorti biex isir dan l-appell qabel is-sentenza finali. Jirreferu għall-Artikolu 231 tal-

Kap. 12 li jirregola l-proċedura dwar kif għandu jsir appell f'każ ta' sentenzi separati fuq kwistjonijiet diversi fl-istess kawża. Huma jaċċennaw għall-fatt li wara li l-ewwel Qorti permezz ta' sentenza preliminari caħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut appellant huwa la talab verbalment lill-ewwel Qorti biex tagħtih permess jappella u lanqas ma għamel rikors kif jitlob l-imsemmi artikolu.

**7.** Bla preġudizzju għall-premess, fir-rigward tal-aggravji tal-konvenut dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* dehrilhom li f'dan l-istadju m'għandhomx iwieġbu fit-tul u rriżervaw li jagħmlu risposta ulterjuri f'każ li din il-Qorti ma tilqax l-ilment preliminari tagħhom dwar in-nullita` tal-appell.

**8.** Huma jargumentaw li kawża ta' spoll hija intrinsikament konnessa mal-ħaġa oġġett ta' spoll u mal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat u huwa għalhekk li l-liġi tipprefiġġi terminu ta' xahrejn biex min ibati l-ispoll jerġa' jiġi mqiegħed f'dak il-pussess jew detenzjoni li jkun xi turbat. Iżidu jgħidu li l-liġi tagħmilha ċara li l-qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew detenzjoni u l-fatt tal-ispoll, u l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* mqajma mill-konvenut hija intiża mhux biss biex ittawwal iżda aktar biex tistultifika l-fini tal-azzjoni ta' spoll magħmula fi żmien xahrejn mill-ispoll billi jekk il-qorti jkollha tqis l-eċċezzjoni tiegħu bħala waħda sostenibbli, dan ikun ifisser li l-atturi jkunu tilfu r-rimedju tagħhom li jiġu mqiegħdha mill-ġdid f'dak il-pussess jew detenzjoni tal-ħaġa li minnha jkunu ġew spoljati.

__**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**__

**9.** Fir-rigward tal-preġudizzjali sollevata mill-atturi appellati, u cioe` li r-rikors tal-appell tal-konvenut appellant huwa irritu u null minħabba li sar mingħajr ma ntalab u ġie ottenut il-permess tal-ewwel Qorti biex isir dan l-appell mis-sentenza finali, jiġi osservat li fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012 ġie verbaliżżat li "*Dr Mario Scerri għall-appellati jirtira l-eċċezzjoni tiegħu dwar in-nullita` tar-rikors tal-appell*".

**10.** Din il-Qorti għalhekk ser tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-konvenut appellant.

L-ewwel aggravju: *L-applikazzjoni o meno tal-Artikolu 770 tal-Kap. 12*

**11.** Il-konvenut appellant jargumenta li kuntrarjament għal dak li deċidiet l-ewwel Qorti, huwa effettivament kellu d-dritt li jinvoka a favur tiegħu il-benefiċċju tal-*privilegium fori* mogħti lilu bis-saħħa tal-Artikoli 741(c)[4] u 767[5] tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Isostni li l-eċċezzjoni għal dan il-privileġġ imsemmi fl-Artikolu 770[6], mhix applikabbli għall-każ inkwistjoni għaliex il-każ inkwistjoni ma jirrigwardax obbligazzjonijiet u ma jikkonċernax xi ftehim bejn il-partijiet. Isostnu li azzjoni ta' spoll mhix waħda "*ex contractu*" iżda "*ex delicto*" u kwindi ma hemm l-ebda lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 770 tal-Kap. 12.

**12.** Huwa jikkritika l-fatt li l-ewwel Qorti addottat il-pożizzjoni meħuda fis-sentenza tal-appell **John Borg v. Salvatore Bonnici** (1954)[7] u dan billi l-kwadru fattwali kien għal kollox differenti minn dak odjern. Jargumenta li f'din il-kawża ċitata, il-pern tal-kwistjoni kien kuntratt ta' lokazzjoni u kwindi kienet relazzjoni kuntrattwali li ġġib magħha obbligazzjonijiet naxxenti minn ftehim bejn il-partijiet kif irid l-Artikolu 770 tal-Kap. 12 u għalhekk f'kawża ta' spoll bħal ma hija din odjerna ma jistax wieħed japplika l-prinċipji segwiti f'kawża a bażi ta' kuntratt ta' lokazzjoni.

---

[4] Art. 741(c): "*L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari.*"

[5] Art. 767: "*Il-benefiċċju imsemmi fl-artikolu 741(c) hu mogħti lill-persuni li joqgħdu fil-gżira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-gżira, u lil dawk li joqgħodu fil-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-gżejjer.*"

[6] Art. 770: "*Il-privilegium fori jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skont il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari.*"

[7] Kawża dwar talba għal xoljiment ta' lokazzjoni ta' fond f'Għawdex, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19.11.1954

**13.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-kawża **Borg v. Bonnici** li kienet ġiet intavolata quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera għal-Għawdex u tirrigwarda lokazzjoni ta' fond f'Għawdex mikri mill-attur lill-konvenut. Peress li l-konvenut f'tali kawża kellu r-residenza tiegħu Malta, huwa kien eċċepixxa l-inkompetenza tal-Bord. Il-Bord irrespinġa din l-eċċezzjoni tal-inkompetenza u l-konvenut appella minnha u talab li tiġi revokata u li tiġi akkolta l-eċċezzjoni tal-inkompetenza minnu sollevata. Il-Qorti tal-Appell spjegat li l-punt devolut għas-soluzzjoni minnha kien għalhekk jekk il-jedd tal-*privilegium fori*, li *prima facie* kien jidher li kellu l-konvenut, kienx spiċċa abbażi tal-Artikolu 771[8] u cioe` kellha tara jekk jirriżultax li l-kawża kienet tikkonċerna obbligazzjoni li skont il-ftehim kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari, f'dak il-każ Għawdex. Spjegat li l-ftehim jista' anke jkun taċitu u li hu ftehim taċitu anke meta l-partijiet jirrimettu ruħhom għal-liġi. Osservat li effettivament ma kienx hemm indikazzjoni tal-post tal-pagament fil-ftehim u spjegat li allura skont l-Artikolu 1202(4) tal-Kap. 23[9] il-ħlas kellu jsir Malta (fejn kien joqgħod bid-dar id-debitur) anke jekk kien probabbli li l-kera kienet fil-fatt titħallas Għawdex, minħabba li kien irriżulta li l-konvenut kien imur Għawdex ta' spiss.

**14.** Il-Qorti tal-Appell pero` rriteniet li indipendentement minn dan, u anke jekk il-ħlas kien isir Malta in forza ta' dan l-artikolu tal-liġi fuq ċitat, l-obbligazzjonijiet bażilari tas-sid taħt l-Artikolu 1628 tal-Kap. 23[10] u almenu l-ewwel obbligazzjoni miż-żewġ obbligazzjonijiet tal-kerrej taħt l-Artikolu 1643 tal-Kap. 23[11] kellhom eżekuzzjoni f'Għawdex. In suċċint, il-Qorti tal-Appell qieset id-diversi obbligazzjonijiet li joħorġu minn ftehim ta' lokazzjoni u dehrilha li l-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligazzjonijiet (salv għall-obbligazzjoni tal-ħlas tal-kera, li dwar il-post fejn kellu jsir ma tressqux provi) bil-fors li kellhom isiru Għawdex, għax hija ħaġa ovvja li t-tgawdija, il-manutenzjoni u l-konsenja ta' fond f'Għawdex isiru

8 Illum Artikolu 770 tal-Kap. 12
9 Illum Artikolu 1159(4) tal-Kap. 16
10 Illum Artikolu 1539 tal-Kap. 16
11 Illum Artikolu 1554 tal-Kap. 16

Għawdex. Osservat li l-partijiet qatt ma setgħu jifthiemu li dawn l-obbligazzjonijiet kellhom isiru fi gżira diversa.

**15.** Issa għalkemm il-każ **Borg v. Bonnici** kien jirrigwarda r-ripreża tal-fond minħabba li l-attur kellu bżonnu għall-użu tiegħu, u mhux speċifikatament xi waħda mill-obbligazzjonijiet tal-lokazzjoni li skont ftehim (espress jew taċitu) kellhom jiġu esegwiti f'Għawdex, il-Qorti tal-Appell xorta waħda rriteniet li l-vertenza li kellha quddiemha kienet tikkwalifika taħt l-Artikolu 771[12]. Hija spjegat li: "*Għal ta' xejn jingħad li l-Qorti ma tistax tqis anke r-rikonsenja tal-fond mitluba f'din il-kawża, imma għandha biss tħares lejn l-obbligazzjoni oriġinali tal-lokazzjoni, għax fi kwistjonijiet ta' kompetenza minħabba territorju, l-azzjoni aċċessorja hija rigwardata fuq l-istess bażi tal-principali*."

**16.** L-ewwel Qorti fil-kawża odjerna kkwotat dan l-istess paragrafu iżda donnha żgwidat ruħha bil-kliem "*rikonsenja tal-fond*" u irraġunat illi peress li l-iskop ewlieni ta' kawża ta' spoll huwa r-reintegrazzjoni, u tali reintegrazzjoni, jekk tiġi ordnata, bilfors trid isseħħ f'Għawdex, fejn jinsab ir-raba, allura l-eċċezzjoni tal-inkompetenza li permess tagħha l-konvenut invoka l-*privilegium fori* għandha tiġi miċħuda. Pero` l-Qorti tal-Appell f'**Borg v. Bonnici** meta qalet li għandha tqis ukoll ir-"*rikonsenja tal-fond mitluba fil-kawża*" ma riditx tfisser li l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* ma kellhiex tintlaqa' minħabba li r-rikonsenja bilfors li kellha ssir Għawdex. Hija semmiet "*ir-rikonsenja tal-fond*" għaliex it-talba li kellha quddiemha kienet għar-rikonsenja tal-fond mikri (u mhux speċifikatament dwar xi obbligazzjoni naxxenti mill-ftehim tal-kera), u applikat l-eċċezzjoni għall-*privilegium fori* għaliex it-talba għar-rikonsenja tal-fond kienet fil-fatt aċċessorja għall-ftehim tal-lokazzjoni (li kif kienet irraġunat qabel kellha l-parti l-kbira tal-obbligazzjonijiet konnessi magħha esegwibbli f'Għawdex).

[12] Illum Artikolu 770 tal-Kap. 12

**17.** Fil-fatt anke s-sentenza tal-Qorti tal-Appell **Angelo Zammit v. Michele Debono** (1917)[13] li straħet fuqha l-Qorti tal-Appell f'**Borg v. Bonnici** tagħmilha ċara li tribunal li huwa kompetenti biex jisma' kawżi dwar l-eżekuzzjoni ta' ftehim huwa wkoll kompetenti biex jisma' kawżi aċċessorji għall-istess: *"Attesocche` e` generalmente ammesso che il tribunale competente in ragione di territorio a conoscere delle controversie relative all'adempimento di una convenzione e` anche competente a pronunciare sulle azioni accessorie allo stesso, quale sarebbe quella pel risarcimento di danni per inadempimento dell'obbligazione assunta."* L-istess Qorti kkonkludiet li fil-każ partikolari li kellha quddiemha din ir-regola ma kinitx tapplika, peress li l-azzjoni tal-attur ma kinitx azzjoni relatata ma' xi obbligazzjoni kontrattwali. *"Attesocche`, pero`, nella specie quella regola non trova applicazione; poiche` l'istanza dell'attore ha per base la colpa puramente extra-contrattuale, negando egli la realta` della pretesa vendita di merletti, e qualificandola como un raggiro mediante cui egli si indusse a versare l'ammonto di cui adesso chiede il rimborso."*

**18.** Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell għalhekk jgħallmu li għall-finijiet tal-Artikolu 770[14] tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili anke meta l-kawża ma tkunx speċifikatament dwar obbligazzjoni li kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari iżda tkun dwar vertenza li hija <u>relatata</u> ma' tali obbligazzjoni, din bħala aċċessorja għall-obbligazzjoni prinċipali għandha titqies fuq l-istess bażi, u għalhekk f'dan il-każ il-*privilegium fori* ma japplikax. Id-deċiżjoni tal-1917 in oltre tenfasiżża li meta l-bażi tal-azzjoni tkun il-kolpa extra kontrattwali dan l-artikolu mhux applikabbli.

**19.** Ovvjament l-azzjoni inkwistjoni, u cioe` dik ta' spoll, ma tirrigwarda l-ebda obbligazzjoni naxxenti minn ftehim (espliċitu jew taċitu) u għalhekk l-Artikolu 770 mhux applikabbli. Isegwi għalhekk li l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant huwa fondat.

---

[13] Mogħtija mill-Corte di Appello fit-28 ta' Mejju 1917, Vol XXIII-I-911

[14] Fl-1954 kien Artikolu 771 u fl-1971 kien Artikolu 777

<u>It-tieni aggravju</u>: *L-applikazzjoni o meno tal-Artikolu 773 tal-Kap. 12*

**20.** Il-konvenut appellant isostni li kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, l-Artikolu 773[15] huwa applikabbli. L-ewwel Qorti osservat li dan l-artikolu jibda *"…jekk qorti partikolari f'Malta hija kompetenti…"* u rraġunat li allura dan ifisser li jekk din il-Qorti (tal-Maġistrati, Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri) hija kompetenti dan l-artikolu lanqas ma jista' jiġi invokat.

**21.** Dan l-artikolu jista' jkun xi ftit żgwidanti għaliex bil-frażi *"…jekk qorti partikolari f'Malta hija kompetenti…"* wieħed jista' jifhem li l-artikolu qed jirreferi speċifikatament għal qorti kompetenti li tinsab speċifikatament fil-Gżira ta' Malta (ad esklużjoni tal-Gżira ta' Għawdex). Aktarx li hekk fehmet l-ewwel Qorti biex irraġunat li kieku hija kienet kompetenti dan l-artikolu ma kienx ikun applikabbli. Iżda mill-kuntest tal-artikolu, u cioe` peress li l-artikolu jkompli hekk: *"….ma ssirx inkompetenti minħabba l-lok fejn tkun qegħda l-ħaġa f'Malta…"* isegwi li meta dan l-artikolu jsemmi "*Malta*" irid ifisser "*Malta jew Għawdex*". Fil-fatt l-annotament marġinali jiġbor il-ġist ta' dan l-artikolu: "*Il-lok fejn tkun il-ħaġa ma jaffetwax il-kompetenza*."

**22.** Issa din il-Qorti hija tal-fehma li hija l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li <u>hija fil-fatt kompetenti</u> biex tisma' l-każ odjern.

**23.** Fl-ewwel lok, wieħed għandu jikkunsidra l-Artikolu 50(1)[16] tal-Kap. 12, li anke jagħmel riferenza għalih il-

---

[15] <u>Art. 773</u>: "*Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 745(b) u (h), jekk qorti partikolari f' Malta hija kompetenti, ma ssirx inkompetenti minħabba l-lok fejn tkun qegħda l-ħaġa f' Malta: Iżda f'kawża dwar żbank ta' depożiti hija kompetenti biss il-qorti li taħt l-awtorita` tagħha jkunu ġew iddepożitati l-flus jew ħwejjeġ oħra.*"

[16] <u>Artikolu 50(1)</u>: "*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 770 u 771, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) b' esklużjoni tal-qrati ta' Malta, hija kompetenti biex tiegħu konjizzjoni ta' kull pretenzjoni kontra persuni li joqgħodu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-qorti.*"

konvenut appellant. Il-Qorti tal-Appell f'**Joseph Aquilina noe v. Richard dei Conti Stagno Navarro** (1995)[17] spjegat li huwa risaput li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili hija l-Qorti tal-ġurisdizzjoni ordinarja u oriġinali li minnha jiġu maqtugħa l-kawżi kollha ta' natura ċivili u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom l-istess Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Tenfasiżża li bħala regola hija l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandha l-kompetenza li tisma' l-kawżi kollha ta' natura ċivili ħlief dawk li eċċezzjonalment huma bil-liġi fdati biex jinstemgħu minn xi qorti oħra. Fir-rigward tal-Artikolu 50 tal-Kap. 12 hija rriteniet li hawnhekk il-liġi tipprovdi għal kompetenza speċjali relattivament għall-qrati ta' Għawdex in linea ta' eċċezzjoni għar-regola ġenerali li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandha tieħu konjizzjoni u taqta' l-kawżi kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom. "*L-artikolu 50 tal-Kap 12 li joħloq l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali msemmija jillimita l-kompetenza tal-Qrati t'Għawdex għal pretenzjonijiet kontra l-persuni li joqgħodu jew li għandhom ir-residenza ordinarja tagħhom f'Għawdex jew Kemmuna.*" Għalhekk hija r-residenza tal-konvenut li tirradika l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex ad esklużjoni tal-kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Fil-każ odjern jirriżulta li l-konvenut huwa residenti Malta u għalhekk l-eċċezzjoni għar-regola kontemplata taħt dan l-artikolu ma tapplikax.

**24.** Fit-tieni lok, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 741(ċ)[18] u 767[19] li minnhom inħoloq id-dritt tal-*privilegium fori*, u cioe` d-dritt li persuna tiġi mħarrka quddiem il-Qorti tal-gżira fejn hija tirrisjedi, ukoll jirriżulta li l-eċċezzjoni tal-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, sollevata mill-konvenut appellant

---

[17] Qorti tal-Appell, 22 ta' Novembru 1995

[18] Artikolu 741(ċ): "L-*eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' ingħata meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari.*"

[19] Artikolu 767: "*Il-benefiċċju msemmi fl-artikolu 741(ċ) hu mogħti lill-persuni li joqogħdu fil-Gżira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gżira, u lil dawk li joqgħodu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gżejjer.*"

hija sostenibbli in vista tal-fatt li r-residenza tiegħu hija s-Siġġiewi, Malta.

**25.** Fit-tielet lok, kif diġa` ġie spjegat fit-tul fil-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel aggravju, l-eċċezzjoni għall-benefiċċju tal-*privilegium fori* kif kontemplata taħt l-Artikolu 770 mhux applikabbli, peress li l-kawża odjerna ta' spoll ma tirrigwardax obbligazzjonijiet naxxenti minn xi ftehim.

**26.** Inkwantu għall-Artikolu 773 mertu ta' dan it-tieni aggravju, <u>ġialadarba rajna li hija l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li hija fil-fatt kompetenti</u> biex tisma' l-kwistjoni odjerna, dan l-artikolu jagħmilha ċara li hija ma ssirx inkompetenti minħabba l-post fejn tinsab il-ħaġa inkwistjoni, f'dan il-każ l-art f'Għawdex. Għalhekk l-ebda kunsiderazzjoni ma għandha tingħata lill-post fejn hija sitwata l-ħaġa (f'dan il-każ Għawdex) u kunsiderazzjonijiet dwar il-post fejn tinsab il-proprjeta` jew fejn għandha tiġi esegwita s-sentenza f'każ li tintlaqa' t-talba għar-ripristinazzjoni huma rrilevanti (dan l-artikolu fil-fatt jikkonferma kemm kien żbaljat ir-raġunament tal-ewwel Qorti meta tat daqshekk importanza lill-fatt li jekk kellha tiġi milqugħa t-talba għar-reintegrazzjoni, din bil-fors li trid issir fil-Gżira ta' Għawdex, fejn jinsab ir-raba).

**27.** Għalhekk it-tieni aggravju jirriżulta wkoll fondat.

**28.** Din il-Qorti għar-raġunijiet fuq esposti fil-kunsiderazzjonijet tagħha fir-rigward tal-ewwel żewġ aggravji hi tal-fehma li hija effettivament il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u mhux il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri li hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din l-azzjoni ta' spoll. In vista tal-konklużjoni hawn raġġunta ma hemmx ħtieġa li l-Qorti tikkunsidra l-aggravji l-oħra tal-konvenut appellant.

## <u>Deċide</u>

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-ewwel żewġ aggravji tal-konvenut appellant, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel istanza tas-17 ta' Jannar 2012 fil-kawża fl-ismijiet

premessi u minflok tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut appellant u tiddikjara l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali mhux kompetenti sabiex tisma' l-kawża fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------